

Brussell, 4 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9194/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0088 (NLE)

PROBA 19
AGRI 206
WTO 45

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) fir-rigward tal-istandard kummerċjali għaż-żejt taż-żebbuġa u għaż-żejt mir-residwi taż-żebbuġ <i>- Dikjarazzjoni mill-Portugall u minn Spanja</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dikjarazzjoni mill-Portugall u minn Spanja dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) fir-rigward tal-istandard kummerċjali għaż-żejt taż-żebbuġa u għaż-żejt mir-residwi taż-żebbuġ

Dikjarazzjoni minn Spanja u mill-Portugall

Dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) fir-rigward tal-istandard kummerċjali għaż-żejt taż-żebbuġa u għaż-żejt mir-residwi taż-żebbuġ, Spanja u l-Portugall huma kontra l-inklużjoni ta' nota ta' qiegħ il-paġna li tbiddel il-limitu għat-total ta' steroli għaż-żjut taż-żebbuġa monovarjetali miksuba mill-varjetajiet taż-żebbuġ Koroneiki jew Nocellara del Belice, sakemm isiru aktar studji xjentifiċi.

Il-parametru "total ta' steroli" huwa inkluż fl-istandard taż-żejt taż-żebbuġa tal-IOC bħala indikatur tal-purezza taż-żejt taż-żebbuġa jew, fi kliem ieħor, indikatur indirett ta' manipulazzjonijiet frawdolenti u l-valur stabbilit attwalment jitqies bħala l-limitu l-aktar baxx biex tiġi ggarantita l-purezza tiegħu. Spanja u l-Portugall huma kontra t-tibdil tal-limitu minimu tat-"total ta' steroli" kif definit fin-nota ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, nistgħu naċċettaw li jitnaqqas il-limitu minimu tat-"total ta' steroli", sakemm ikun hemm metodu kimiku alternattiv jew siġra tad-deċiżjonijiet li jiggarantixxu l-awtentiċità tal-prodott, kif inhu l-każ bħalissa għaż-żjut l-oħra taż-żebbuġa li ma jikkonformawx ma' ċerti parametri kimiċi stabbiliti. Aħna nemmnu li kwalunkwe modifika tal-istandard kummerċjali tal-IOC trid tkun ibbażata fuq raġunijiet tekniċi, kimiċi u xjentifiċi sodi.

Mingħajr dan il-parametru kimiku alternattiv, is-servizzi tal-kontroll uffiċjali ma jkunux jistgħu jiggarantixxu li ż-żjut taż-żebbuġa ddikjarati li nkisbu minn dawn iż-żewġ varjetajiet ikunu ġenwini u ma ġewx manipolati. Din hija kompetizzjoni inġusta ma' żjut oħra taż-żebbuġa u tmur kontra l-politika tal-protezzjoni tal-konsumaturi.

Il-modifika tal-istandard tal-IOC għaż-żjut taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda ser ikollha effetti legali fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE. Biex tkun iggarantita l-konformità mar-regoli kummerċjali tagħna, huwa essenzjali l-appoġġ għall-awtoritajiet ta' kontroll billi jiġi żgurat li kull żejt taż-żebbuġa jirrispetta l-istess regoli. Jeħtieġ li titħares il-kwalità u li l-konsumaturi jkollhom garanzija li ż-żjut kollha taż-żebbuġa jissodisfaw l-istandards tal-kwalità.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, f'dan il-mument Spanja u l-Portugall ma jistgħux jappoġġaw l-emenda proposta tal-istandard tal-IOC għaż-żjut taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda biex jiġi mmodifikat il-limitu minimu tat-total ta' steroli..